

It-Tlieta 15 ta' Novembru 2011

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-adeżjoni għall-Protokoll;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-ġarr bil-baħar ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom - fir-rigward tal-Artikoli 10 u 11 ***

P7_TA(2011)0479

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-ġarr bil-baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, fir-rigward tal-Artikoli 10 u 11 tiegħu (08663/2011 – C7-0143/2011 – 2003/0132B(NLE))

(2013/C 153 E/26)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08663/2011),
- wara li kkunsidra l-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-ġarr bil-baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974 (08663/2011),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 81(1), l-Artikolu 81(2), il-punti (a) u (c), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), u l-Artikolu 218(8), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0143/2011),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0341/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-adeżjoni għall-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.
-